# L-Akbar Qanpiena f'Malta

L-akbar qanpiena fid-dinja tinsab f'Moskow, ir-Russja u tiżen mija u tmienja u għoxrin tunellata. Qniepen kbar u magħrufa oħra jinsabu f'Peking, iċ-Ċina, f'Burma u fl-Ingilterra. L-akbar qanpiena f'Malta hija l-qanpiena l-kbira ta' Birkirkara. Din hi waħda mill-kbar nett tad-dinja u tħabbatha sew mal-Big Ben ta' l-Ingilterra u mal-qanpiena tal-Vatikan.

Għalkemm ma tantx hi magħrufa, l-istorja tal-qanpiena l-kbira ta' Birkirkara tifforma parti importanti mill-istorja ta' gżiritna ta' dawn l-aħħar snin u tirrifletti l-ħeġġa u l-kuraġġ li wrew missirijietna biex ikabbru ġieh art twelidhom. Bil-ħeġġa u l-fanatiżmu tagħhom, missirijietna rnexxielhom iħallulna opra artistika kbira, tista' tgħid waħda mill-ikbar tas-seklu għoxrin.



Il-ħsieb illi jibqnu qanpiena bħal din kien ilu li nibet f'moħħ il-Karkariżi. Fil-fatt insibu illi qanpiena kbira oħra li kienet ukoll magħrufa bħala l-qanpiena l-kbira kienet inbniet xi snin qabel. Iżda din ma kinitx irnexxiet peress li kellha ton daqsxejn iġenġel. Għalhekk il-prepostu ta' dak iż-żmien, il-kanonku Bonnici, intefa' b'ruħu u ġismu biex jiġbor il-flus meħtieġa għall-qanpiena l-ġdida. Irnexxielu jiġbor elf u mitejn lira fi żmien ta' ftit xhur biss. Il-qanpiena l-ġdida ġiet ordnata fl-1931 u nħadmet f'Milan l-Italja fil-fabbrika ta' l-aħwa Baricozzi.

Il-qanpiena l-kbira kellha tasal Malta nhar it-Tlieta 12 ta' Jannar,1932. Ħaġa ta' l-għaġeb, Malta kollha ħadet interess f'din il-qanpiena u Birkirkara kienet mixgħula bl-entużjażmu. Il-gazzetti ta' kuljum taw ukoll prominenza lill-qanpiena li kellha tkun l-akbar waħda f'dawn il-gżejjer, u kienu jġibu rapporti u artikli sħaħ fuq din il-qanpiena.

It-tnax ta' Jannar wasal. Sa minn filgħodu kmieni n-nies bdiet tinġabar il-Marsa, fil-Barrakka ta' Fuq u t'Isfel u ħdejn il-Pixkerija. Ser naraw silta minn artiklu li deher f'gazzetta lokali ta' l-14 ta' Jannar 1932. Din tispjega sewwa l-atmosfera li kien hemm il-Marsa, waqt li l-Karkariżi bi ħġarhom kienu qed jistennew il-qanpiena l-kbira.



*"Il-Marsa kienet iffullata bil-Karkariżi u moviment kbir kien hemm fit-triqat. Kont tara qtajja ta' tfal ġejjin minn Birkirkara ferħanin, jiġru u jaqbżu. Kont tara x-xjuħ daħkana ta' Birkirkara ġejjin jitkellmu bejniethom u n-nisa u x-xbejbiet kollha allegri għaddejjin mill-Marsa sabiex jistennew il-qanpiena li kellha tasal u jkunu huma l-ewwel li jkollhom ix-xorti li jarawha."*

Għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħodu tfaċċa fil-port il-kbir il-vapur taljan 'Garibaldi'. Dan kien qiegħed iġorr il-qanpiena. Mad-dehra tiegħu, n-nies kollha li kien hemm madwar il-port infexxet tgħajjat u ċċapċap. 'Garibaldi' baqa' dieħel il-Marsa u rabat mal-moll ta' ħdejn il-knisja ta' Ċejlu. Wara li rabat mal-moll, il-kaptan ma riedx iniżżel il-qanpiena l-art. Jingħad li ried xi somma flus aktar milli kien miftiehem li jieħu. Iżda l-prepostu Bonnici ma ċediex għat-talba tal-kaptan. Wara ħafna theddid u taħdidiet, il-kaptan ċeda u għall-ħabta ta' l-erbgħa u nofs ta' wara nofs inhar il-qanpiena l-kbira ġiet sbarkata fost l-għajjat u ċ-ċapċip ta' kulħadd. Il-Maltin issa setgħu jammiraw ix-xogħol artistiku ta' din il-qanpiena.

Il-qanpiena l-kbira tiżen mitt qantar u erbgħa u sebgħin ratal filwaqt li l-ilsien jiżen erbat iqnatar u tnax-il ratal. B'kollox tiżen mija u erba' qnatar u sitta u tmenin ratal, jiġifieri madwar tmien tunellati u nofs. Fost ħafna lavur, maħdum b'sengħa u perfezzjoni kbira madwar il-qanpiena kollha, nsibu mnaqqxa l-figuri ta' l-appostlu San Pawl, Marija Assunta, Sant'Elena, it-titolari ta' Birkirkara u San Ġużepp. F'ġenb minnhom hemm skrizzjoni li tispjega fil-qosor l-istorja tal-qanpiena waqt li fil-ġenb l-ieħor hemm l-arma tal-Papa bejn dawk tal-Kapitlu ta' Birkirkara u tal-prepostu Bonnici, li tant ħabbrek biex din il-qanpiena tirnexxi bħalma rnexxiet.

Wara l-isbark, il-qanpiena l-kbira ngarret mix-xatt tal-Marsa għal ħdejn l-istazzjon ta' Birkirkara fost il-kant ferrieħi tal-Karkariżi:

Qanpiena, qanpiena, qanpiena,
ta' mija u ħames qnatar,
Jekk ma jkollniex biex intellgħuha
Intellgħuha mqar bl-imkatar.

Mill-Marsa għal Birkirkara, il-qanpiena ngarret fuq karru miġbud minn bagħal u żiemel mgħejjuna mill-irġiel Karkariżi.

Nhar il-Ħadd, 17 ta' Jannar, il-qanpiena l-kbira ngarret minn ħdejn l-istazzjon ta' Birkirkara għal ħdejn il-Kolleġġjata akkompanjata miż–żewġ baned tal-post, jiġifieri is-Sant Elena u d-Duke of Connaught, flimkien ma' folol kbar ta' nies. Fit-triq, it-toqol tal-qanpiena wera xi jsarraf meta l-karru li kien qiegħed iġorrha, ħakk ma' saqajn Karmenu Mamo, li jiġu ħu l-ewwel President ta' Malta, u qatagħlu biċċa minn sebgħu ta' saqajh. Karmenu kienu l-uniku vittma tal-qanpiena l-kbira.

Sa fl-aħħar, il-jum tant mistenni, wasal. Kien il-Ħadd, 24 ta' Jannar, għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofs inhar. Quddiem pjazza nies minn madwar Malta kollha fost l-entużjażmu tal-Karkariżi, il-qanpiena l-kbira bdiet tinqata' bil-mod il-mod mill-art. F'nofs iz-zuntier kien hemm armata sienja li, mdawra minn madwar erbgħin raġel, kienet qet ittella' l-qanpiena. L-ippjanar kien perfett, u dak li ħafna beżgħu li seta' jiġri, jiġifieri li l-qanpiena ma tasalx f'postha, sfaxxa fix-xejn. Ix-xogħol biex il-qanpiena ttellgħet fil-kampnar tal-lemin tal-Bażilka ta' Birkirkara tmexxa mill-imgħallem Karkariż Filippo Sammut.

Il-qanpiena l-kbira ndaqqet għall-ewwel darba l-għada li ttellgħet fil-kampnar, jiġifieri t-Tnejn 25 ta' Jannar, li kien jaħbat il-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl.

Illum, il-qanpiena l-kbira ta' Malta tinsab tistrieħ fuq sitt travi ta' l-injam u meta ssemma' leħenha tfakkarna fl-imgħoddi. Tfakkarna fil-fanatiżmu mħallat bil-ħeġġa ta' missirijietna. Tfakkarna fis-sens ċiviku li kien igħaqqad lil missirijietna u jġegħlhom jaħdmu u jistinkaw biex ikabbru ġieh art twelidhom u raħalhom. U tnissel fina ħajra u ħeġġa biex aħna wkoll nagħtu ftit mill-hin tagħna biex inkabbru l-wirt storiku ta' art twelidna.

**Servolo Delicata**